MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 2402/2000/1

Joseph u Jane konjuġi **PISANI**

vs

David **MAMO** u Donatella Mamo

**Il-Qorti:**

Dan huwa degriet għall-finijiet tal-artikolu 173 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, mogħti fuq talba magħmula tal-imħarrek David Mamo waqt is-smigħ tal-24 ta' Frar, 2004, biex din il-Qorti tħallih iressaq xiehda u provi b'affidavit;

Għal din it-talba l-atturi opponew, permezz tal-avukat difensur tagħhom, waqt l-istess smigħ u għar-raġuni li din il-Qorti kienet, f'degrieti tagħha tat-3 ta' Ġunju, 2003, u tat-18 ta' Novembru, 2003, tat żmien lill-imħarrek biex iressaq ix-xhieda tiegħu bil-meżż tal-affidavit, liema żmien hekk mogħti nqabeż;

Illi l-Qorti tqis li s-smigħ tal-24 ta' Frar, 2004, kien imħolli wkoll għall-provi tal-imħarrek, iżda ma jidhirx li għal dak inhar kienet ħarġet taħrika dwar xi xhud tiegħu, filwaqt li x-xhieda bl-affidavit ta' missier l-imħarrek baqgħet ma tressqitx;

Illi l-Qorti tqis ukoll li ż-żminijiet li hija tagħti lill-partijiet permezz ta' degrieti tagħha biex matulhom iwettqu dak li huwa meħtieġ għall-mixi 'l quddiem tal-kawża għandhom jitħarsu mill-istess partijiet fl-interess tagħhom stess u jittieħdu b'serjeta';

Illi, madankollu, jirriżulta mill-atti tal-kawża li saru dikjarazzjonijiet mill-atturi lill-Qorti (kif diversament presjeduta) dwar il-provi tagħhom li

mbagħad ma żammewx magħhom[1] iżjed ‘il quddiem u b’hekk ħolqu ċirkostanzi ġodda li żammew lill-imħarrek milli jħejji l-każ tiegħu;

Illi l-Qorti tqis ukoll li l-prinċipju tas-smigħ xieraq lil kull parti fil-kawża għandu dejjem u b’mod raġonevoli jingħata applikazzjoni minnha, l-iżjed fejn il-kawża tkun tippreżenta – bħal f’dan il-każ – elementi ta’ kontroversja probativa ta’ ċerta delikatezza jew komplessita’;

Illi d-degrieti interlokutorji ma jagħmlux ġudikat għall-qorti li tkun tagħthom, meta tinġieb raġuni sewwa biex titbiegħed minnhom[2];

Illi l-Qorti jidhrilha li jkun fl-aħjar interess tal-ħaqq li tagħti opportunita’ lill-imħarrek biex iressaq il-provi li fadallu;

Għalhekk, qegħda tilqa’ t-talba tal-imħarrek u, filwaqt li tħassar *contrario imperio* d-degriet tagħha tat-18 ta’ Novembru, 2003, qegħda tordna li kull affidavit b’xhieda li l-imħarrek jixtieq iressaq fl-atti ta’ din il-kawża jitressaq sa mhux iżjed tard mill-21 ta’ Mejju, 2004, bil-*visto* jew notifika tal-avukat tal-atturi, u bil-kundizzjoni espressa li kull affidavit hekk minnu mressaq wara din id-data jitneħħa mill-atti bla ħtieġa ta’ ordni oħra; filwaqt li dwar xhieda oħra li trid tinstama’ *viva voce* quddiem il-Qorti, jingħata l-provvediment meħtieġ waqt is-smigħ li jmiss.

**< Sentenza In Parte >**

[1] Qabbel il-verbal tas-smigħ tal-21 ta’ Novembru, 2001, f’paġ. 93 , ma’ l-verbali tal-25 ta’ Jannar, 2002, u tal-15 ta’ Marzu, 2002, tad-29 ta’ Mejju, 2002, u tat-18 ta’ Frar, 2003, f’paġġ. 103, 106, 125 u 128 tal-proċess

[2] Art. 230 tal-Kap 12

---------------------------------TMIEM---------------------------------